

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [L-Ordni Ewropea Tal-Ħlas](#) > [Austria](#)

L-Ordni Ewropea tal-Ħlas

 Awstrija

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 L-eżistenza ta' ordni għal proċeduri għall-ħlas

1.1 L-ambitu tal-proċedura

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Awstrijak jinkludi proċedura għal ordni ta' ħlas li tkun ġiet ipprovata u ttestjata (*Mahnverfahren*) għal talbiet għal ħlas. Il-biċċa l-kbira tat-talbiet għal ħlas fl-Awstrija huma pproċessati online permezz ta' proċedura ta' ordni ta' ħlas simplifikata u rapida.

1.1.1 Liema talbiet huma eliġibbli (pereżempju talbiet fi flus biss, talbiet kuntrattwali biss eċċ.)?

Il-proċedura ta' ordni ta' ħlas hija limitata għal talbiet ta' ħlas differenti minn dawk li għandhom jiġu deċiżi f'forma speċjali ta' proċedura "mhux kontenzjuża" (*Ausserstreitverfahren*). Il-proċedura ta' ordni ta' ħlas hija inkompatibbli mal-prinċipju li fuqha bbażata l-proċedura mhux kontenzjuża, li jirrikjedi li l-qorti tiċċara l-fatti kollha li huma rilevanti għad-deċiżjoni tagħha *ex officio*, jiġifieri mingħajr rikors minn parti. Minħabba li rekwiżiti proċedurali speċjali japplikaw ukoll għal kawżi li jinvolvu l-liġi tas-sigurtà soċjali u talbiet ibbażati fuq ċekkijiet jew kambjali, dawn ma jistgħux jiġu eżegwiti skont il-proċedura ta' ordni ta' ħlas.

1.1.2 Hemm limitu massimu fir-rigward tal-valur tat-talba?

Il-limitu għall-proċedura ta' ordni ta' ħlas kien ta' massimu ta' EUR 75,000 mill-1 ta' Lulju 2009. It-talbiet għal ammonti li jmorru lil hinn minn dan il-limitu jridu jiġu ppreżentati taħt il-proċedura ċivili "ordinarja" fil-forma ta' sottomissjonijiet preparatorji.

1.1.3 L-użu ta' dik il-proċedura huwa fakultattiv jew obligatorju?

Il-proċedura ta' ordni ta' ħlas hija obligatorja fl-Awstrija għal talbiet sal-limitu msemmi hawn fuq.

1.1.4 Din il-proċedura hija disponibbli jekk l-intimat jgħix fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz?

Il-proċedura għal ordni ta' ħlas Awstrijaka ma tistax tintuża jekk l-intimat ikollu d-domiċilju jew ir-residenza abitwali tiegħu jew l-uffiċċju reġistrat tiegħu barra mill-pajjiż. Tali tilwim irid jiġi riżolt skont il-proċedura ċivili "ordinarja". Skont it-talba, il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni jew titlob lill-intimat jippreżenta difiża fi żmien 4 ġimgħat jew tistabbilixxi data għal seduta.

Alternattivament, it-talbiet għal pagamenti kontra intimati residenti fi Stat Membru ieħor jistgħu jiġu eżegwiti skont il-proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea.

1.2 Il-qorti kompetenti

It-talbiet għal ħlas għal ammonti sa EUR 15,000 (mill-1 ta' Jannar 2013) għandhom jitressqu quddiem Qorti Distrettwali (*Bezirksgericht*). It-talbiet għal ammonti ta' iktar minn EUR 15,000 għandhom jitressqu quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, sakemm ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni speċjali tal-Qrati Distrettwali.

Il-ġurisdizzjoni skont il-proċedura għal ordni ta' ħlas Awstrijaka hija rregolata mir-regoli ġenerali, jiġifieri m'hemmx regoli speċjali dwar il-ġurisdizzjoni. Ara l-iskeda informattiva dwar is- "Ġurisdizzjoni tal-qorti" għal informazzjoni dwar ir-regoli tal-ġurisdizzjoni Awstrijaċi. L-informazzjoni dwar liema qorti għandha ġurisdizzjoni għal kawżi ċivili speċifiċi tinsab fis-sit web tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja Awstrijak (<http://www.justiz.gv.at/>) taħt "Gerichte" [Qrati] > "Gerichtssuche" [tiftixa tal-Qorti].

Il-Qorti Distrettwali għal Kwistjonijiet Kummerċjali ta' Vjenna (*Bezirksgericht für Handelssachen*) għandha ġurisdizzjoni esklużiva fl-Awstrija għal proċedimenti skont il-proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea.

1.3 Ir-rekwiżiti formali

1.3.1 L-użu ta' formola standard huwa obligatorju? (jekk iva, minn fejn tista' tinkiseb din il-formola?)

It-talbiet għall-ħlas għandhom jitressqu permezz ta' formola standard. Jintużaw formoli differenti għal proċedimenti ta' ħlas fl-Awstrija skont jekk it-talba għall-ħlas tkunx qed tiġi eżegwita skont il-proċedura ta' ordni ta' ħlas "ordinarja", permezz ta' proċedura ta' ordni ta' ħlas permezz ta' qorti tax-xogħol jew skont il-proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea. Jistgħu jitniżżlu formoli mis-sit web <http://www.justizonline.gv.at/> taħt "Formulare und Ersteingaben" [Formoli u l-ewwel sottomissjonijiet] jew jistgħu jimtlew online.

1.3.2 Jeħtieġ li nkun rappreżentat minn avukat?

Ir-rikorrenti li jressqu rikors għal ordnijiet ta' ħlas għal ammonti kkontestati ta' aktar minn EUR 5,000 għandu jkollhom rappreżentazzjoni legali. Dan ma japplikax, pereżempju, f'każijiet li bil-liġi għandhom jinstemgħu minn Qorti Distrettwali (jiġifieri minn qorti b'ġurisdizzjoni dwar is-suġġett), irrispettivament mill-ammont ikkontestat. F'dan il-każ, hemm obbligu "relattiv" ta' rappreżentanza legali, jiġifieri l-partijiet jistgħu jaġixxu f'isimhom, iżda jekk jixtiequ jkunu rappreżentati, għandhom jiġu rappreżentati minn avukat.

Ma hemm l-ebda rekwiżit għal rappreżentanza legali skont il-proċedura tal-ordni ta' ħlas Ewropea.

1.3.3 Kemm trid tkun dettaljata r-raġuni għat-talba?

Ir-rekwiżiti li jirregolaw il-kontenut ta' rikors għal ordni ta' ħlas essenzjalment ma jvarjawx mir-rekwiżiti li jirregolaw talbiet imressqa skont il-proċedura "ordinarja". Madankollu, ir-rikorrenti m'għandhomx bżonn jissostanzjaw ir-raġunijiet legali li fuqhom it-talba hija bbażata f'rikors għal ordni ta' ħlas. Madankollu, iċ-ċirkostanzi msemmija b'appoġġ għat-talba jridu jiġu deskritti f'dettall suffiċjenti biex tiġi identifikata t-talba u biex tiġi dderivata talba speċifika (jiġifieri r-rikors irid ikun "konvinċenti").

1.3.4 Huwa meħtieġ li tiġi ppreżentata prova bil-miktub fir-rigward tat-talba kkonċernata? Jekk iva, liema dokumenti huma ammissibbli bħala provi?

Il-proċedura ta' ordni ta' ħlas fl-Awstrija hija proċedura fejn m'hemm l-ebda obbligu li jitressqu l-provi. Għalhekk ma hemmx bżonn li jiġu ppreżentati dokumenti b'appoġġ għat-talba sabiex jitressaq rikors għal ordni ta' ħlas. Madankollu, ir-rikorrenti li jiksbu jew li jippruvaw jiksbu ordni ta' ħlas b'mod frodulent, billi jinkludu informazzjoni falza jew mhux kompluta fir-rikors tagħhom, jiġu mmultati skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Awstrijak.

1.4 Iċ-ċaħda ta' rikors

Il-Qorti twettaq biss evalwazzjoni sommarja tar-rikors. Hija ma tivverifikax jekk il-kontenut huwiex akkurat; sempliċement tivvaluta l-merti legali tat-talba (jiġifieri jekk it-talba hijiex "konvinċenti"). Jekk ir-rikors għal ordni ta' ħlas jissodisfa r-rekwiżiti f'termini tal-forma u l-kontenut (jiġifieri jkun fih talba speċifika, jiddikjara l-fatti li minnhom tista' tiġi derivata t-talba, jiċċita l-provi u d-dettalji tal-ġurisdizzjoni u jippermetti l-identifikazzjoni tat-talba), il-qorti toħroġ ordni ta' ħlas. Ma hemm l-ebda dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Awstrijak għaċ-ċaħda ta' rikorsi għal ordnijiet ta' ħlas għal raġunijiet formali. Jekk il-qorti tqis li r-rekwiżiti għal ordni ta' ħlas ma jkunux ġew sodisfatti, hija tibda immedjatament proċeduri "ordinarji"; hija ma tiċħadx ir-rikors. Madankollu, fil-każ ta' ċerti nuqqasijiet formali, il-qorti tista' l-ewwel tagħti bidu għal proċedura ta' korrezzjoni billi tordna lir-rikorrent biex jirrimedja n-nuqqasijiet.

1.5 Appell

Peress li l-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Awstrijak ma jipprevedix li r-rikorsi għal ordnijiet ta' ħlas jiġu miċħuda u

awtomatikament jittrasferihom għall-proċedura “ordinarja”, m’hemm bżonn ta’ dritt ta’ appell.

1.6 Dikjarazzjoni ta’ kontradizzjoni

L-iskadenza għall-oġġezzjoni għall-ħruġ ta’ ordni ta’ ħlas hija ta’ 4 ġimgħat li għandha tibda tiddekorri mid-data tan-notifika ta’ kopja bil-miktub tal-ordni ta’ ħlas lill-intimat. Il-Qorti ma tistax testendi jew tqassar din l-iskadenza.

L-oġġezzjonijiet għall-ordnijiet ta’ ħlas mogħtija minn Qorti tal-Prim’ Istanza (f’każijiet fejn l-ammont ikkontestat ikun bejn EUR 15,000 u EUR 75,000) għandhom jieħdu l-forma ta’ difiża, ħlief f’kawżi tal-liġi tal-impjeg. Dan ifisser li l-oġġezzjoni għandha tinkludi talba speċifika u deskrizzjoni tal-fatti u taċ-ċirkustanzi b’appoġġ għall-oġġezzjoni, flimkien ma’ provi b’appoġġ għall-allegazzjonijiet tal-intimat. Ir-rappreżentanza legali hija obbligatorja biex jitressqu oġġezzjonijiet quddiem il-qorti.

Ir-rappreżentanza legali mhijiex obbligatorja għal finijiet ta’ tressiq ta’ oġġezzjoni fi proċedimenti quddiem il-Qorti Distrettwali (jiġifieri għal ammonti kkontestati sa EUR 15,000 jew, jekk il-qorti jkollha kompetenza *ratione materiae*, sa EUR 75,000). Għall-oġġezzjonijiet bil-miktub, ikun biżżejjed f’tali proċedimenti għall-intimat li jibgħat ittra ffirmata lill-qorti li tkun tat l-ordni ta’ ħlas, u jiddikjara li huwa għandu l-intenzjoni li jippreżenta oġġezzjoni għall-ordni ta’ ħlas. Ma hemm l-ebda rekwiżit, bħal fil-proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Prim’ Istanza, li l-intimat jissostanzja l-oġġezzjoni tiegħu. L-intimat jista’ wkoll jirreġistra oġġezzjoni verbalment fil-qorti li tkun tat l-ordni ta’ ħlas jew fil-Qorti Distrettwali fid-distrett fejn ikun residenti.

F’każijiet tal-liġi tal-impjeg, japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura ta’ ordni ta’ ħlas tal-Qorti Distrettwali.

1.7 L-effett tad-dikjarazzjoni ta’ kontradizzjoni

Jekk l-intimat iressaq oġġezzjoni fil-ħin, l-ordni ta’ ħlas tiskadi u l-qorti awtomatikament tittrasferixxi l-appell għall-proċedura “ordinarja” u tisma’ l-allegazzjonijiet fit-talba u l-oġġezzjonijiet għalihom.

1.8 L-effett tan-nuqqas ta’ dikjarazzjoni ta’ kontradizzjoni

Il-proċedura ta’ ordni ta’ ħlas fl-Awstrija hija proċedura b’pass wieħed. Jekk l-intimat ma jikkontestax l-ordni tal-ħlas jew jonqos milli jagħmel hekk fil-ħin, din awtomatikament issir eżegwibbli mingħajr il-ħtieġa ta’ rikors ieħor mir-rikorrent. Għalhekk ma hemm l-ebda dispożizzjoni fil-liġi għal deċiżjoni mit-tieni qorti.

1.8.1 X’jeħtieġ li jsir sabiex tinkiseb deċiżjoni eżekuttiva?

Il-qorti tikkonferma *ex officio* li l-ordni ta’ ħlas hija eżegwibbli. Ir-rikorrent jista’ juża kopja ċertifikata tal-ordni ta’ ħlas biex jibda proċedimenti ta’ eżekuzzjoni kontra l-intimat.

1.8.2 Din id-deċiżjoni tkun finali jew ikun għad fadal il-possibilità li l-intimat jappella minnha?

L-ordnijiet ta’ ħlas maħruġa skont il-proċedura Awstrijaka ta’ ordni ta’ ħlas jistgħu jiġu kkontestati biss billi tiġi ppreżentata oġġezzjoni. L-intimat ma għandu l-ebda dritt ieħor ta’ appell. Id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż li hemm fl-ordni tal-ħlas tista’ tiġi kkontestata mir-rikorrent u mill-intimat fi żmien 14-il jum min-notifika f’appell dwar l-ispejjeż (*Kostenrekurs*). L-intimat jista’ jressaq talba dwar irregolaritajiet serji fin-notifika tal-ordni ta’ ħlas fi kwalunkwe ħin, billi jippreżenta rikors biex il-konferma tal-eżegwibbiltà tiġi kkanċellata. Il-konvenuti li ġew preklużi minn avvenimenti inevitabbli u imprevedibbli milli jippreżentaw oġġezzjoni fil-ħin jistgħu jressqu rikors, fi żmien 14-il jum mit-tneħħija tal-ostakolu li jkun ġegħelhom jaqbżu l-iskadenza għall-oġġezzjoni, sabiex il-pożizzjoni preċedenti tiġi ripristinata.

L-aħħar aġġornament: 13/04/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta’ din il-paġna tinżamm mill-punt ta’ kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista’ jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta’ kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f’dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.